Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.10760 - AIRBUS / SAFRAN / TAC / AUBERT & DUVAL)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2022/C 452/11)

1. Fis-17 ta' Novembru 2022, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Airbus SAS ("Airbus", Franza), finalment ikkontrollata minn Airbus SE (in-Netherlands),

— Safran S.A. ("Safran", Franza),

— Tikehau Ace Capital S.A.S. ("TAC", Franza),

— Aubert & Duval S.A. ("Aubert & Duval", Franza).

Airbus, Safran u TAC se jakkwistaw, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll bi sħab ta' Aubert & Duval kollha kemm hi.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma dawn li ġejjin:

— Airbus hija attiva fuq bażi dinjija f'servizzi relatati mal-ajrunawtika, l-ispazju u d-difiża. In-negozju tagħha huwa organizzat fi tliet segmenti operattivi: (i) Airbus (Commercial Aircraft); (ii) Airbus Helicopters; u (iii) Airbus Defence and Space.

— Safran tiffoka fuq tliet oqsma ewlenin: (i) propulsjoni ajruspazjali; (ii) tagħmir tal-inġenji tal-ajru, sistemi ta' difiża u ajruspazju; u (iii) il-partijiet interni tal-inġenji tal-ajru. Safran tkopri ċ-ċiklu tal-ħajja kollu tal-magni, tas-sistemi, u tat-tagħmir għall-inġenji tal-ajru ċivili u militari bi ġwienaħ fissi u tal-helicopters,

— TAC hija kumpanija tal-ġestjoni tal-assi, li tiffoka fuq żewġ setturi: industriji strateġiċi (ajruspazjali, difiża, u marittimi) u teknoloġiji fdati (analiżi tar-riskju ċibernetiku u tas-software, u ċibersigurtà),

— Aubert & Duval hija fornitur ta' prodotti metallurġiċi avvanzati fil-forma ta' partijiet, prodotti twal, u trabijiet tal-metall għal diversi applikazzjonijiet industrijali, inklużi l-avjazzjoni, l-ispazju, l-enerġija nukleari, id-difiża u l-enerġija.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.10760 - AIRBUS / SAFRAN / TAC / AUBERT & DUVAL

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-fax jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË